**Tibdil it-temp**

F’radda ta’ salib it-temp ħa tidwira
Li dawritu dawra daqshiex bħal stordut,
U magħha dawwar lilna b’dawra kbira
Ġabna rasna ‘l isfel u saqajna ‘l fuq.

U dan jekk jogħġbok wettqu bla stedina
Ma tagħniex nifs li niġu f’tagħna, f’daqqa,
Ġab fuqna xebgħa xita, tgħid leħinna
Nstema’ fit-talb għax kullimkien saqqa’?

Ħaġa naf kemm tibdiliet kbar fil-ħajja
Iseħħu mingħajr l-iċken ħsieb li jsiru,
Għax joħorġu kollhom trab minn dak il-ġenb.

Mur oqgħod ja bniedem iddur w titlajja
Biex ħsibijietek daqs tazza ilma jtiru,
U ħajtek mibdula bħat-tibdil it-temp.

Patri Mario Attard OFM Cap
25 ta’ Novembru 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.